imma li jolqtuk fis-sentiment sempliċi iżda sensitiv tagħhom iżjed minn kull kwadru kbir ta' pittura l-iktar imżewqa. U dan, fil-ġenju poetiku ta' Rużar Briffa, għal xi kritiċi, deher hekk personali, li biex jitfisser ġie li f'xi versi din il-karratteristika warrbet it-teknika tal-għażla u kostruzzjoni prosodijaka tal-kliem.

Meta dan l-aħħar ħareġ fi ktieb il-poeżiji tiegħu—wara talba minn ħbieb li xtaqu jarawhom miġburin u stampati, u t-tħabrik ta' ħabibu, Patri Valentin V. Barbara, O.P., li ikkurahomlu u tal-għażiża martu Louisette li ħadet is-sabar tiġborhomlu f'kopji dattilografati—huwa stess fi ftit kliem, fisser il-karatteristiċi tal-poeżija tiegħu li tagħżlu minn dik tal-poeti sħabu. Fil-kelmtejn *Lill-Qarrejja* f'ras il-Ġabra tal-Poeżiji tiegħu huwa jistqarr kif minn żmien għal ieħor tal-għomor tiegħu ġie li kiteb dawk il-versi: "Uħud", huwa jgħid, "minn dawn il-poeżiji ktibthom fi żmien ta' dwejjaq kbar, oħrajn f'ta' ferħ. Ktibthom għalija u swewli ta' ħafna ġid bħala "escapism"... U d-dwejjaq, iktar mill-ferħ, huwa ħasshom u fissirhom b'dik it-tbissima ta' sabar li kien juri filwaqt li fis-skiet tiegħu kien iħoss f'dawn l-aħħar snin inemnem il-musbieħ ta' ħajtu. B'danakollu huwa kien dejjem jifraħ magħna f'kull laqgħa ta' ferħ jew ta' ġieħ għal xi kittieba minn sħabna u għall-progress tal-Malti.

Għadha quddiem għajnejja dik il-ħarsa ċassa tiegħu meta fil-mewt tal-Professur Cuschieri filwaqt li kien wieqaf fi triq ir-Rjali ħdejn il-Kafè tas-Savoy jitgħaxxaq bil-qima ta' dawk li marru wara l-katavru tal-Poeta Karmelitan. Min jaf x'ħass u x'kien għaddej minn rasu dak il-ħin? Qabel kont ukoll iltqajt miegħu lejlet il-funeral ta' Dun Karm u deher li ħa interess hekk kbir fis-sehem li ħadet l-Għaqda tagħna u ta' l-Università f'dik iċ-ċirkustanza ta' luttu għal bniedem li kien għex maġenbu fil-bidu tal-ħajja letterarja tiegħu.

* * *

Dan l-aħħar wiċċ Rużar baqa' dejjem b'dik it-tbissima ħelwa tiegħu li kienet, iżda iktarx taħbi d-dwejjaq ta' min kien iħoss li ħajtu mhix se tkun itwal minn dik taż-żewġ poeti sħabu li ħallewna qablu.

Niftakar xi ftit xhur qabel mewtu kont iltqajt miegħu wara li kien ġie minn Ruma; u fraħtlu għax irġajt rajtu qawwi u sħiħ mill-ġdid. Bi tbissima weġibni u qalli: "Il-lum sejjer Londra, Nin, itlob għalija". Għafasli jdejja u telaqni.

Wara li ġie lura minn Londra, għalkemm magħdur u sieket, Rużar baqa' dejjem b'dik it-tbissima fuq fommu, isellem b'dik



it-tbissima ħelwa tiegħu.

Il-qima li wrew lejh sħabu tal-"Għaqda tal-Malti (Università") kif ukoll tal-Għaqda tagħna, f'okkażjoni mhux inqas ta' niket u ta' ħasra fil-mewt tiegħu ma kenitx inqas minn dik għaż-żewġ poeti kbar ta' qablu.

Għalkemm it-temp kien ikreh kull min kien jaf lil Rużar Briffa, sew bħala ħabib, kemm bħala tabib ta' dehen u tieba li ma bħalha, kemm ukoll bħala poeta hekk popolari fost il-kittieba u qarrejja tal-Malti ma naqasx li fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu ma weriex il-għożża u l-qima lejh u jagħtih l-aħħar tislima.

Ma' dik tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" u "tal-Għaqda tal-Malti (Università)" ingħaqdet, f'din ix-xhieda ta' għożża għat tifkira tal-Poeta Malti, rappreżentanza sabiħa ta' professuri Universitarji sħabu, studenti, għaqdiet reliġjużi u ċivili, kif ukoll ta' ħbieb.

It-tifkira ta' Rużar Briffa għandha fl-aħħarnett tibqa' ħajja bla ma tmut qatt fil-qalb tal-kittieba sħabu, imma wisq iżjed f'dik tal-ġenerazzjoni ġdida li fil-ħidma tiegħu sabet it-triq miftuħa għall-koltivazzjoni tal-letteratura Maltija.

---

## FIL-MEWT TAT-TABIB RUŻAR BRIFFA

**nhar it-22 ta' Frar, 1963**

*Ta'* ĠUŻE' CHETCUTI

**Ħabib, tlifniek. Dik is-Setgħa qalila**
**li ma taħfirha 'l ħadd, ħaddnitek magħha,**
**u xejn ma swew la għerf u anqas ħila,,**
**għax int ħallejtna u r-rebħa kienet tagħha.**

**Mir-riefnu mkarkar qbadt it-triq it-twila**
**fi ħdan l-eternità. 'Mma l-ġmiel u s-saħħa**
**ta' versi sbieħ, bħalma pittur fuq tila,**
**tibqa' turina u l-qalb bihom tferraħha.**

**Bihom, ħabib, din qalbna tibqa' tifraħ:**
**l-għanja li ktibt, kollha kemm hi Maltija,**
**bħal dawl divin tibqa' ġo moħħna timraħ.**

**Għax int għannejt il-barka taż-Żgħużija**
**w urejt kif poplu jaf iqum u jirbaħ:**
**tiegħek, ħabib, il-vera Poeżija.**